MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1337/2003

***PD Finance Limited***

***Versus***

***AM Developments Limited, Toncam Properties Limited* u *Caman Properties Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob rimedju taħt l-art. 368(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] sabiex il-qorti ma tħallix li jsir qsim ta' soċjetà kummerċjali.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern kienet pubblikata dikjarazzjoni li kien sejjer isir qsim tal-kumpannija *AM Developments Limited*, u illi l-assi tal-kumpannija li kienet sejra tinqasam kienu sejrin igħaddu fuq żewġ kumpanniji oħra, li huma *Toncam Properties Limited* u *Caman Properties Limited*. Is-soċjetà attriċi hija kreditriċi ta' *AM Developments Limited* u l-qsim ta' dik il-kumpannija sejjer jagħmel ħsara li ma tissewwiex lid-drittijiet ta' l-attriċi bħala kreditriċi. L-attriċi għalhekk

għandha interess illi l-qsim ma jsirx, u qiegħda tagħmel oppożizzjoni għall-qsim.

L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà attriċi għandha raġuni tajba taħt l-art. 368(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji biex topponi għall-qsim ta' *AM Developments Limited*; u

2. tordna illi l-qsim ta' *AM Developments Limited* ma jseħħx.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

B'nota tas-17 ta' Settembru 2004 is-soċjetajiet konvenuti ammettew it-talbiet u qalu wkoll illi ma jistgħux jagħtu l-garanzija taħt l-art. 368(2) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji biex il-qsim jitħalla jseħħ.

Il-qorti għalhekk, fuq ammissjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tordna illi ma jseħħx il-qsim tal-kumpannija *AM Developments Limited.*

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom iħallsuhom il-konvenuti flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------